MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2007

Numru 891/2005

**Il-Pulizija**
**Supretendent Lawrence Cutajar**
**Supretendent Raymond D'Anastas**
**V**

**ANTOINE CASSAR**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTOINE CASSAR** ta' tnejn w ghoxrin sena bin Michael u Maria Assunta nee Farrugia, imwieled Pieta nhar s-sitta w ghoxrin ta' Frar 1983 u residenti 151, Triq San Bartolomeo, Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita numru 142583M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fl-ewwel ta' Ottubru 2005 ghal habta tan-nofs siegha ta' filghodu f'Haz Zebbug, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkaguna l-mwewt ta' hames zaghzagh u cioe Christian

Camilleri ta’ sbatax il-sena detentur tal-karta tal-identita numru 491787M, Oswaldo Emanuel Vella ta’ sbatax il-sena detentur tal-karta tal-identita numru 560087M, Fabio Magro ta’ sittax il-sena detentur tal-karta tal-identita numru 442789M, Marco Abdilla ta’ sbatax il-sena detentur tal-karta tal-identita numru 251588M u David Sacco ta’ tlettax il-sena detentur tal-karta tal-identita numru 583591M u dan meta kien qed isuq u/jew kellu fil-kontroll tieghu vettura tal-marka Vauxhall bin-numru ta’ registrazzjoni DAC 967;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, nvoluntarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' AnthonyAquilina ta’ sbatax l-sena detentur tal-karta tal-identita numru 352588;

3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, nvoluntarjament ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Matthew Magro ta’ sbatax il-sena detentur tal-karta tal-identita numru 380688M;

4. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew bn’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, ikkaguna jew ghamel hsara jew hassar jew gharraq xi haga u cioe hajt/kamra sitwata fl-imsemmija Triq ghad-dannu ta’ terzi;

5. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, nvoluntarjament ikkaguna hsara fuq vettura tal-marka Subaru bin-numru ta’ registrazzjoni CAG 545 ghad-dannu ta’ Dorianne Farrugia mis-Siggiewi;

6. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, meta kellu fil-kontroll tieghu u/jew kien isuq l-vettura ndikata aktar ‘l fuq, ghabba u/jew ippermetta li jghabbi numru ta’ passiggieri aktar milli hemm indikat fil-log book.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta htija, l-imputat jigi skwalifikat milli jottjeni jew ikollu licenzja tas-sewqan ghal zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti esibiti nkluz l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hmistax ta’ Gunju 2006 [fol 244] sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tad-dsatax ta' Gunju 2006 [fol 245], li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet t-trattazzjoni orali erudita tal-abbli avukat difensur, tal-abbli avukati rappresentanti l-parte civile u dik tal-ufficjal prosekutur s-Supretendent Raymond D’Anastas u dan a bazi ta’ ftehim milhuq mill-partijiet in faciem curiae u minn hawn tiehu l-opportunita biex tesprimi l-gratitudni taghha ghal mod erudit u leali li bih l-partijiet espletaw l-inkarigu taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti zammet access fuq l-post tal-incident nhar l-ewwel ta’ Ottubru 2005 fejn setghet tikkonstata l-ambjent fejn sehh l-incident de quo u fil-presenza tal-partijiet kollha koncernati, tnizzlu notamenti ta’ dak li gie rilevat lil Qorti.

Illi nhar s-sbatax ta' Ottubru 2005 **xehed l-Ispettur Raymond D’Anastas** [fol 29] fejn qal li nhar l-ewwel ta’ Ottubru 2005 ghal habta tas-siegha ta’ filghodu kien ircieva telefonata minghand PS 487 Reuben Balzan fejn infurmah li fi Triq l-Imdina, Haz Zebbug kien sehh incident awtomobilistiku fejn kien hemm vann mahbut go kamra u li kien hemm hames zaghzagh li tilfu hajjithom. Hu ghalhekk acceda fuq il-post fejn ra vann bin-numru ta’ registrazzjoni DAC 967 mghaffeg u mahbut kif wkoll hames kadavri mal-art f’nofs t-triq.

Qal li hu ndaga minn kien ix-xufier u l-passiggieri fejn gie mmedjatament mgharraf li x-xufier u z-zewg passiggieri kienu ttiehdu l-isptar w informa lil Magistrat tal-ghassa li mar fuq il-post wkoll. Qal li hu assista lil espert tal-Qorti

waqt t-tehid tax-xhieda, inkluz dik tal-imputat li gharaf presenti fl-awla, li kien ix-xufier u dan inzamm l-isptar.

Spjega li nhar l-erbgha ta' Ottubru 2005 l-imputat gie rilaxxjat mill-isptar w ghalhekk hu w is-Supretendent Lawrence Cutajar hadulu stqarrija wara li gie moghti s-solita twissija, liema stqarrija hu esibixxa bhala dokument LC [fol 31], fejn ikkonferma l-firma tieghu, dik tas-Supretendent Lawrence Cutajar kif wkoll tal-imputat fuq kull faccata taghha.

Illi nhar s-sbatax ta' Jannar 2007 **rega' xehed s-Supretendent Raymond D'Anastas** [fol 292] prodott mid-difiza fejn meta gie mistoqsi jekk dakinhar tal-access innutax li kien hemm xi ostakoli fit-triq u cioe xi vetturi li ostakolaw t-triq minn xi naha partikolari, x-xhud wiegeb li ma jiftakarx, pero zied jghid li kieku ltaqa ma xi ostakolu partikolari kien jiftakar dan l-fatt. Qal li kien minnu li l-imputat kien semma kwistjoni ta' dawl li kien gej mill-faccata mill-bidu nett anke waqt l-inkjesta. Qal wkoll li kien minnu li hemm triq li tinfed ghal Rabat Road ghat-triq l-antika, pero dik hi triq parallela li tinfed ghar-Rabat minn H'Attard.

Illi nhar s-sbatax ta' Ottubru 2005 **xehed s-Supretendent Lawrence Cutajar** [fol 34] fejn wara li ra l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat esibita bhala dokument LC a fol 31, ikkonferma fuq kull faccata taghha il-firma tieghu, dik tas-Supretendent Raymond D'Anastas kif wkoll tal-imputat presenti fl-awla.

Illi nhar s-sbatax ta' Ottubru 2005 **xehed PS 487 Reuben Balzan** [fol 36] fejn qal li nhar l-ewwel ta' Ottubru 2005, ghal habta tan-nofs siegha ta' filghodu kien ircieva telefonata waqt li hu kien fl-ghassa Hal Qormi fejn gie nfurmat li kien hemm incident fatali fi Triq l-Imdina, Haz Zebbug w ghalhekk acceda fuq il-post. Qal li hemm sab hames persuni li ma kellhomx sinjali ta' hajja u persuna ohra feruta mal-art f'nofs ta' triq u xi nies ohra li kien bil-qeghda. Qal li hemm sab wkoll ambulanza u gie nfurmat li l-hames persuni kienu mejta.

Zied jghid li l-vettura nvoluta kellha n-numru ta' registrazzjoni DAC 967 li kienet f'nofs t-triq b'daqqa estensiva fin-nofs taghha. Mistoqsi jekk kienx hemm vetturi ohra involuti fl-incident, ix-xhud wiegeb li kien hemm vettura ohra bin-numru ta' registrazzjoni CAG 545 tal-marka Subaru, u s-sewwieq taghha kien certu Sean Briffa.

Skond l-investigazzjnoi preliminary mizmuma minnu, rrizultalu li dan Sean Briffa kien ra l-incident isehh ghaliex kien qed isuq wara s-sewwieq tal-vettura li kienet involuta fl-incident. Dan fil-fatt, qallu li ra l-vettura tahbat wara li laqtitlu u baqghet ghaddejja u spiccat fil-hajt mahbuta w eventwalment nizel biex jara setghax jaghti xi ghajnuna. Qal li Sean Briffa qallu li hu ra dahna, baqa ghaddej u dak l-hin jista jkun li l-vettura laqtitu. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument PS [fol 38].

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 2005 **xehed Doctor Mario Scerri** [fol 49] fejn qal li hu kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta 'n konnessjoni ma dan l-incident. Hu ppresenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala dokument MS [fol 51] u CD li giet mmarkata bhala dokument CD. Minn ezami tal-istess jirrizulta deskrizzjnoi taz-zaghzagh kollha li mietu u dawk li gew feruti.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 2005 **xehed Dottor Richard Sladden** [fol 52] fejn qal li hu kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta in konnessjoni ma dan l-incident sabiex jigbor ix-xhieda u dan mill-Magistrat Inkwerenti. Hu ppresenta x-xhieda li lahaq ha bil-gurament qabel ma l-imputat gie mressaq il-Qorti u din x-xhieda giet immarkata bhala dokument RS [fol 54].

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 2005 **xehdet Dorianne Farrugia** [fol 89] fejn qalet li nhar l-ewwel ta' Ottubru 2005 hi kienet ghand l-gharus taghha Sean Briffa w ghal habta tas-sebgha ta' filghaxija telqu minn Haz Zebbug u marru lejn n-Nigret biex imorru *prayer group* f'Sant'Agata, r-Rabat. Qalet li dan il-*prayer group* spicca

ghal habta tal-ghaxra ta' bil-lejl u wara marru jieklu xi haga n-Nigret.

Spjegat li ghal habta ta' nofs il-lejl, telqu minn hemm u gibdu lejn Haz Zebbug. Qalet li huma kienu fuq l-*lane* ta' barra f'tarf t-triq li taghti mir-Rabat lejn H'Attard sejrin lura d-dar u baqghu fuq l-istess *lane*. Qalet li kif kienu ghaddejjin, ghaddiet karozza minn maghhom fuq in-naha tax-xellug u rawha taqbizhom u bdiet tperper u f'daqqa wahda raw dahna w ghalhekk waqfu u hargu mill-karozza taghhom fejn raw xi nies feruti mal-art. Qalet li din il-karozza kienet l-istess wahda li kienet ghaddiet minn maghhom, ftit tal-hin qabel waqt li kienu ghadhom fl-istess karreggjata. Qalet li din il-karozza spiccat maqsuma fi tnejn jekk jew mhux fi tlieta u qabdu u cemplu ambulanza mill-ewwel.

Meta giet moqrija lilha x-xhieda li kienet tat quddiem l-espert tal-Qorti Dottor Richard Sladden dakinhar tal-ewwel ta' Ottubru 2005 fl-ghassa tal-pulizija Hal Qormi, ix-xhud ikkonfermatha fl-intier taghha pero ziedet tghid li 'n segwitu ta' din x-xhieda, sar *survey* fuq il-vettura taghha tal-ghamla Subaru M70 bin-numru ta' registrazzjoni CAG 545 fejn irrizulta li kellha xi hsarat fl-ammont ta' hames mija u hamsin lira maltin. Qalet li ma kienetx ghadha taf hiex ser tithallas mill-insurance.

Mistoqsija jekk mid-direzzjoni opposta kienux gejjin vetturi, ix-xhud wiegbet li ma kienux gejjin u li t-triq kienet wahda vojta. Qalet li lanqas warajha ma kien hemm vetturi. Qalet li f'xi hin huma gew milqutgha, pero ma kienetx taf x'hin ghaliex fl-ebda hin ma hassew tahbita mal-vettura taghhom w indunaw li kellhom habta fil-karozza taghhom wara li kien waqfu sabiex jassistu lin-nies feruti. Qalet li din il-vettura, li spiccat mahbuta kienet ghaddiet vicin hafna taghhom bi *speed* qawwi, bdiet isserrep u wara raw dahna. Qalet li kollox sehh fi *split of a second* u fl-ebda hin ma taf li qalghu daqqa, taf biss li ngibdet l-lejn l-gharus taghha. Mistoqsija jekk t-triq kienetx dritta, ix-xhud wiegbet li ftit qabel hemm qisu kurvatura zghira u l-incident sehh f'dik il-parti fejn hemm l-istabbiliment tal-karozzi maghruf bl-isem *Autobahn*, fuq

in-naha l-ohra fuq il-karreggjata tal-lemin, int u sejjer lejn Haz Zebbug.
Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Ottubru 2005 **xehed il-Perit Richard Aquilina** [fol 92] fejn qal li hu kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta in konnessjoni ma dan l-incident. Hu ppresenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala dokument RA [fol 94]. Flimkien ma din r-relazzjoni hu ppresenta *site plan* tal-post fejn sehh l-incident. Minn ezami ta’ din r-relazzjoni jirrizulta li hemm indikat dak kollu li kien relevanti ghal incident fatali mertu ta’ din il-kawza.

Fuq domanda tad-difiza, jekk kienx hemm kurva fejn sehh l-incident, x-xhud wiegeb li ftit qabel kien hemm kurva hafifa hafna u kurva ohra wara. Qal li l-parti fejn sehh l-incident hija kkurvjata ftit ftit. Qal li t-triq kienet ghadha kemm giet asfaltata recentement u hi mdawwla sew. Qal li fil-hin tal-incident t-triq kienet xotta u bdiet tqattar x-xita ftit wara.

Illi nhar t-tmintax ta’ Ottubru 2006 **rega’ xehed il-Perit Richard Aquilina** [fol 255] prodott mid-difiza u saritlu referenza ghal pjanta annessa mar-relazzjoni tieghu [fol 98], b’mod partikolari ghal kostatazzjonijiet li saru fuq l-post tal-incident kif deskritti minnu a fol 96 tal-process. Ix-xhud spjega li l-ittra ‘a’ tirreferi ghal *brakemarks* dojoq b’referenza ghan-numri 24 sa 20 filwaqt li l-*brakemarks* wiesgha ghandhom referenza bi-numri minn 25 sa 29. Qal li l-izball hemmhekk huwa wiehed tal-pinna. Qal li wara n-numru kif indikat fl-istess pjanta bhala 24 u cioe fid-direzzjoni lejn r-Rabat, ma kien hemm xejn x’tikkonstata rigward l-incident.

Mistoqsi l-wisa ta’ bejn l-*brakemarks* l-wiesgha mmarkati bl-ittra ‘a’ u l-*brakemarks* dojoq markati bl-ittra ‘b’ fuq il-pjanta, jekk humiex dejjem ugwali, fis-sens li huma l-wisa’ tal-vann in kwistjoni, x-xhud qal li mhux dejjem u dan ghaliex jista jkun li l-vann ma kienx miexi ghad-dritt u minflok ghad-dritt, mexa lagemba u ghalhekk, f’dak l-kaz, iwessa l-impront tat-*tyres*. Qal li ghalhekk li l-*brakemarks* m’humiex ugwali fil-wisa’ taghhom fit-tul taghhom kollu.

Mistoqsi jekk hu nnutax xi daqqiet fuq s-*central strip* fejn hemm indikat l-*crash barrier*, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li qabel in-numru 24 indikat fuq il-pjanta, ma kien hemm xejn relevanti ghal kaz u dak li rrileva, kitbu fil-pjanta u cioe bejn il-marki tal-*brakemarks* u l-incident fis-sens fejn hemm l-ittri ‘C’ u ‘G’ hu ma nnota xejn aktar. Qal li ghalhekk l-ittra ‘C’ fid-direzzjoni lejn r-Rabat ma hemm xejn fil-*crash barrier* jew *central strip*. Qal li l-ittra ‘C’ tirrappresenta *tyre mark*. Qal li dak gie konstatat fuq il-post w immarkat minnu bin-numri 17 sa 19. Qal li dan hu vicin l-hajt li ntlaqat u twaqqa’ parti mill-kamra. Zied jghid li l-ittra ‘E’ huwa parti mill-hajt tal-kamra mwaqqa. Huwa kompatibbli mad-daqqa li hemm f’din l-karozza markata bl-ittra ‘H’ cioe din qed issir b’referenza ghal dik l-parti triangolari. Qal li l-pjanta tieghu hija *to scale*.

Mistoqsi jekk aktar ‘l fuq fuq in-naha tal-lemin fejn hemm miktub bankina fil-pjanta hemm trejqa, ix-xhud wiegeb li hemm. Fil-fat din hi murija fis-*site plan* esibita fir-relazzjoni tieghu fejn proprju hemm tlett sigriet u hu mmarka din t-trejqa bl-ittra ‘S’ quddiem l-Qorti. Qal li jista jkun li min meta sehh l-incident sa dakinhar dawn t-tlett sigriet ma humiex aktar hemm. Qal li s-*site plan* hija wkoll skalata 1:2500. Qal li li jekk ma kienx sejjer zball, is-‘C’ fuq il-pjanta huwa stigma ta’ meta l-karozza habtet u daret waqt li l-ittri ‘A’ u l-‘B’ jirrappresentaw *brakemarks*. Qal li waqt l-access t-triq kienet xotta u kien wara li sar l-access li bdiet nizla x-xita, wara li kienu telqu minn fuq il-post.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Ottubru 2005 **xehed Joseph Zammit** [fol 102] fejn qal li hu kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta in konnessjoni ma dan l-incident. Hu ppresenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala dokument JZ [fol 104]. Flimkien ma din r-relazzjoni hu ppresenta numru ta’ ritratti mehuda minnu stess. Spjega li l-vettura in kwistjoni u cioe dik fejn kienu riekba l-vittmi ta’ dan il-kaz, kienet tal-ghamla Vauxhall Astra bin-numru ta’ registrazzjoni DAC 967. Qal li hu rrelata wkoll fuq vettura ohra tal-ghamla Subaru. Spjega li waqt l-access hu eleva sett cwievet mill-vettura li ezami, li fil-fehma

tieghu huma ta’ xi dar u esibihom bhala dokument JZ 1 f’enelopp flimkien ma *remote control* miksur.

Illi nhar t-tmintax ta’ Ottubru 2006 **rega’ xehed Joseph Zammit** [fol 258] prodott mid-difiza fejn qal li mhux minnu dak li kien qed jigu suggerit lilu mid-difiza li l-forma tad-daqqa li hemm fuq il-vettura hija triangolari u taqbel mal-angolu tal-bini li waqa fuq il-post. Qal li pero qabel il-habta finali fil-bini, hemm wkoll daqqa aktar lura fuq l-hajt tas-sejjieh u ohra fuq il-kurdun tal-bankina u li hu kien cert minn dan.

Ix-xhud indika lil Qorti fuq il-pjanta tal-Perit Richard Aquilina, fejn kienu dawn iz-zewg daqqiet u cioe fuq in-naha tax-xellug tat-triq, proprju wara l-arblu ndikat bl-ittri ‘JZ’ fejn l-istess vettura laqtet l-hajt tas-sejjieh. Qal li l-vettura li kien riekeb l-imputat kienet metallic u hu ezaminha fuq il-post tal-incident, kif wkoll wara. Qal li ghamel ezamijiet estensivi kemm fuq kif ukoll taht w gholliha permezz ta’ *crane*.

Meta saritlu referenza a fol 186 tal-atti u gie mistoqsi jekk kemmx hsara fuq il-vettura tal-imputat, apparti dik murija fuq in-naha tal-lemin taghha, x-xhud wiegeb li kien hemm hsarat ohra li ma kienux daqstant estensivi, bhal dik fuq in-naha tal-lemin. Qal li l-vettura kienet mimlija hsarat u difficili tiddeskrivihom. Qal li meta ghollha l-vettura bil-*crane*, il-vettura inqasmet fi tnejn u dan qalu biex ifisser l-hsara estensiva li kien hemm fuqha.

Mistoqsi jghid x’hini z-zebgha l-bajda li tidher fuq r-ritratt a fol 186 u cioe dawk l-marki bojod ta’ zebgha bajda taht l-i*spoiler* fuq il-parti ta’ fuq, fuq in-naha tax-xellug tal-vettura tal-imputat, x-xhud qal li aktar ‘l quddiem fl-incident sabu karozza tal-marka Subaru ta’ kulur abjad li kienet ghaddejja fl-istess karreggjata minn fejn kien ghaddej l-imputat. Qal li l-vettura kienet ftit aktar ‘l quddiem minn dik tal-imputat.

Qal li l-vettura misjuqa mill-imputat ma kellhiex *seats*, jghidulha *panel van*, cioe minghajr *seats* wara u dan sabiex titghabba tghabija go fiha. Qal li ma kellux dubbju

li sabiex spiccat b'daqqa bhal dik, <u>il-vettura kienet ghaddejja bi *speed* eccessiv</u>. Qal li l-i*speedometer* tal-vettura misjuqa mill-imputat tghaffeg u ghalhekk ma setgha jirriskontra ebda *speed*. Qal li lanqas ma kien f'posizzjoni li jiehu kostatazzjonijiet fuqu ghaliex ma kienx jaf x'seta mmarka.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2006 **rega' xehed Joseph Zammit** [265] fejn qal li l-inkarigu tieghu kien estiz sabiex jiehu ritratti sabiex jaghmel relazzjoni dwar d-dinamika tal-incident w ghalhekk esibixxa relazzjoni ohra f'dan r-rigward li giet mmarkata bhala dokument JZ 2 [fol 267].

Minn ezami tal-istess jirrizulta li fil-fehma tal-espert tekniku, l-imputat habat fil-hajt tal-kamrin u bl-impatt, dar u gie jhares fid-direzzjoni opposta ta' fejn kien sejjer.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 2005 **xehed Sean Briffa** [fol 105] fejn qal li nhar l-ewwel ta' Ottubru 2005, ghal habta tas-sebgha nofs ta' filghaxija mar *prayer meeting* r-Rabat mat-tfajla li spicca ghal habta tal-ghaxra neqsin kwart ta' fil-lejl u marru jieklu xi haga. Qal li ghal habta ta' nofs il-lejl telqu lura lejn d-dar bil-karozza tieghu. spjega li meta waslu f'distanza ftit qabel l-istabbiliment tal-karozzi maghruf bhala *Autobahn*, <u>giet karozza blu minn naha ta' gewwa, qabzithom u bdiet isserrep vicin u f'daqqa wahda raw hafna trab tal-hajt gej fuqhom</u>. Qal li hu waqaf ghaliex beza' u wara ftit beda jimxi u waqaf aktar 'l boghod, nizel flimiien mat-tfajla u raw x'kien hemm u wara nnota li kien hemm xi daqqiet fuq il-vettura tieghu. Qal li hu ma hass ebda daqqa meta l-karozza misjuqa mill-imputat ghaddiet minn mieghu. Qal li hu kien ghaddej f'xi hamsin kilometru fis-siegha u l-karozza l-ohra kienet ghaddejja aktar ghaliex qabzitu.

Ix-xhud ikkonferma x-xhieda li kien ta fl-inkjesta quddiem l-perit legali Dottor Richard Sladden nhar l-ewwel ta' Ottubru 2005. Ikkonferma li fl-ebda hin ma hass daqqa fuq il-vettura tieghu u zied jghid li hu kien fuq il-*lane* tieghu x'hin il-vettura l-blu raha sejra fid-direzzjoni tal-hajt w imbaghad sussegwentement ra d-dahna. Qal li <u>hu zamm</u>

fl-*outer lane* il-hin kollu ghaliex ried idur lejn l-lemin biex imur lejn Haz Zebbug u li fl-ebda hin ma kien fl-*inner lane*.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta’ Ottubru 2005 **xehed Matthew Magro** [fol 108] fejn qal li hu ghandu sbatax il-sena. Wara li l-Qorti fissritlu x’hinu gurament, spjega li bejn l-ahhar ta’ Settembru 2005, kien iltaqa ma xi hbieb l-Qrendi u cioe ma Marco Abdilla, David Sacco, Fabio Magro, Marlon Aquilina u Christian Camilleri u qaghdu jistennew l-vann imur ghalihom, liema vann kienu ibbukkjaw qabel biex jehodhom l-Olive Gardens, r-Rabat, pero dan il-vann baqa ma marx ghalihom. Qal li huma cemplu lil certu Maurizio, li missieru ghandu l-Olive Gardens, li kien ibbukkjalhom il-vann. Zied jghid li ghal habta tas-sebgha neqsin kwart regghu cemplu lil tal-vann u qalilhom li kellu vjagg z-Zurrieq u li ma setghax imur ghalihom w ghalhekk regghu cemplu lil Maurizio li qalilhom li kien ser jibghatilhom zewg minn nies ohra u sussegwentement marru l-Olive Gardens.

Qal li hemm damu sa xi l-hdax u nofs ta’ bil-lejl, zarmaw l-apparat tas-*sound system* w ghabbew kollox fil-vann biex imorru lura lejn l-Qrendi. Qal li huma rikbu f’vann tal-marka Astra li kien ta’ Antoine Cassar, l-imputat odjern, u kienu Oswaldo Vella, David Sacco, Mario Abdilla, Fabio Magro, Christian Camilleri, Anthony Aquilina u l-imputat bhala s-sewwieq. Qal li dan il-vann huwa wiehed minn dawk b’wara maghluq u bla *seats* gewwa w ghalhekk z-zaghzagh li kienu rekbin mieghu, poggew mal-art. Qal li lanqas *seatbelts* ma kien hemm fuq wara. Qal li kienu tlieta fuq naha u tlieta fuq ohra u hu kienu wara s-*seat* tas-sewwieq. Spjega li quddiem kien hemm riekba l-imputat li kien qed isuq u Anthony Aquilina. Zied jghid li min hemm ‘l quddiem ma jiftakarx x’gara. Qal li jaf li kien l-imputat s-sewwieq.

Spjega li meta kienu l-Olive Gardens xorbu xi tlieta jew erbgha flixken birra. Qal li ma jafx jekk fil-fatt l-imputat kienx xorob ghax ma kienx mieghu.

Mistoqsi b'liema *speed* kienu ghaddejjin ix-xhud m'gharafx iwiegeb peress li kien fuq wara. Qal li meta kienu telqu mill-Qrendi sejrin lejn l-Olive Gardens fil-bidu tas-serata kienu marru billi kien mar ghalihom l-imputat b'karozza flimkien ma persuna u kienu nqasmu, tlieta ma wiehed u tnejn mal-iehor. Oswaldo Vella ma kienx maghhom meta telqu ghaliex kellu l-privat u kien wasslu aktar tard missieru l-Olive Gardens, r-Rabat. Qal li mad-daqqa ma jiftakar xejn. Jaf li marru hafna nies, li ma kienx jaf min huma u sab ruhu l-isptar. Mistoqsi jekk sofriex xi griehi x-xhud spjega li spicca bi tletin punt f'dirghajh tax-xellug, erbgha punti f'rasu u damdima kbira go sidru.

Wara li giet moqrija lilu x-xhieda li kien ta quddiem l-espert legali Dottor Richard Sladden u qal li fil-fatt kienu tnejn li marru ghalihom l-Qrendi biex jehdulhom l-Olive Gardens u mhux wiehed kif hemm miktub fix-xhieda tieghu quddiem l-perit legali u apparti din l-korrezzjoni hu kkonferma x-xhieda tieghu fl-intier taghha. Spjega li meta qal li l-imputat kien qed jigri bil-vettura, meta telqu hu beda jsuq, kien ghaddej isuq sew.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Ottubru 2005 **xehdet Doctor Farah Debono** [fol 111] fejn qalet li hi kienet wahda mit-tobba fl-emergenza tal-isptar San Luqa dakinhar tal-incident u li kienet ezaminat lil Matthew Magro fejn irriskontrat li kellu lacerazzjoni zghira, *cut* fil-parti ta' wara ta' rasu w ghamlitlu hames punti. Kellu wkoll qasma li testendi mill-parti ta' wara t'idu x-xellugija fil-parti ta' fuq tad-dahar li kienet tinvolvi kemm l-gilda kif wkoll x-xaham ta' tahtha. Qalet li l-ferita kienet twila mhux hazin, xi ghaxar pulzieri fejn wkoll saru xi punti. Kellu wkoll *antispai*n fuq in-naha tas-sieq x-xellugija u kellu bzonn faxxa. Hi kklassifikat dawn il-feriti kollha bhala ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet. Qalet li l-ezami mediku hi ghamlitu fil-lejl ta' bejn t-tletin ta' Settembru u l-ewwel ta' Ottubru 2005. Hi kkonfermat l-*patient certification form* mahruga minnha stess li hemm esibit a fol 87 tal-atti.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta' Ottubru 2005 **xehed Robert Ellul** [fol 113] fejn qal li f'xi zmien hu kien qed jattendi *barbeque* fl-Olive Gardens r-Rabat fejn kien hemm xi

hamsa w ghoxrin zaghzugh, fosthom t-tfal li mietu fl-incident in dezamina, liema zaghzagh u kienu ghenuhom izarmaw s-*sound system* fl-istabbiliment. Qal li l-imputat presenti fl-awla kien wkoll l-*barbeque*. Ix-xhud qal li hu kien s-sewwieq tal-vann li fih kien hemm s-*sound system* u l-apparat tal-*barbeque*. Qal li jaf li l-imputat kien ghabba xi nies pero hu ma rahx jghabbihom u ma rahomx meta telqu. Qal li fil-vann tieghu kien hemm Maurizio Baldacchino u Marlon Aquilina u kienu huma li ghalqu l-villa ghaliex l-imputat kien gia telaq.

Qal li meta kienu sejrin lura, raw xi tmien karozzi weqfin u huma waqfu warajhom u dan kien fit-triq bejn r-Rabat u Haz Zebbug, fit-triq il-gdida. Qal li malli waslu fuq il-post u nizlu, indunaw li l-imputat kien involut f'dan l-incident u kienu ghadhom kollha fil-vann meta huma waslu. Qal li huma nizzluhom mill-vann u mal-art kien hemm wkoll xi tfal. Ix-xhud qal li hu tghallem l-*first aid* w ghalhekk ipprova jaghti l-ewwel assistenza pero nduna li ma kienux t'idejh w informa lil pulizija li gew fuq il-post.

Illi nhar l-erbatax ta' Dicembru 2005 **xehdet Doctor Brigette Ellul** [fol 127] fejn qalet li hi kienet giet nominata fl-atti tal-inkjesta sabiex taghmel l-ezami nekroskopiku fuq diversi zaghzagh, u dan flimkien ma Doctor Mario Scerri. Qalet li huma ghamlu l-imsemmi ezami fuq Marco Abdilla, David Sacco, Fabio Magro, Oswaldo Vella u Christian Camilleri w ippresentat r-rapporti relevanti li gew immarkati bhala dokument NEKRO [fol 129 et seq]

Ix-xhud ikkonfermat li Marco Abdilla miet rizulta ta' frattura fl-iskutella tar-ras, lacerazzjoni tal-mohh u *fractured aorta*. David Sacco miet kawza ta' lacerazzjoni tal-*base dense* tal-mohh u frattura tal-*aorta*. Fabio Magro miet rizultat ta' *fractured aorta*, *fractured spleen* milsa u *head injury*. Oswaldo Emanuel Vella miet rizultat ta' *fractured aorta*, lacerazzjoni tal-fwied u milsa. Christian Camilleri miet rizultat ta' lacerazzjoni tal-qalb, fwied, pulmun tal-lemin, frattura tal-*cranium* u *vertebra*.

Illi nhar l-erbatax ta' Dicembru 2005 **xehed Doctor Mario Scerri** [fol 161] fejn qal li hu kien gie nominat fl-atti tal-

inkjesta flimkien ma Doctor Brigette Gafa. Ix-xhud ikkonferma d-dokument NEKRO.

Illi nhar l-erbatax ta' Dicembru 2005 **xehed John Borg** [fol 163] fejn qal li l-kamra li hemm fi Triq Imdina, Haz Zebbug tappartjeni lil nannuh Philip Muscat li ghandu sitta w tmenin sena u li ma jistax johrog mid-dar. Qal li l-post in kwistjoni jiehu hsiebu hu w ghalhekk jinsab fil-pussess tieghu u nannuh inkarigah sabiex jara xi hsarat li kien hemm fiha. Ix-xhud esibixxa stima tal-perit rigwardanti x-xoghol li ghandu jsir fuq din il-kamra li giet mmarkata bhala dokument JB. Qal li l-Perit Joseph Attard ikkonkluda li l-hsarat f'din il-kamra jammontaw ghal elf, erbgha mija u hamsin lira u tnejn u ghoxrin centezmu skond l-istess dokument JB.

Illi nhar l-erbatax ta' Dicembru 2005 **xehed Anthony Aquilina** [fol 178] fejn nhar t-tletin ta' Settembru 2005 hu kien mistieden *barbeque* fl-Olive Gardens, r-Rabat u mar hemm ghal habta tal-hamsa ta' filghaxija. Qal li peress li kien ftit tal-maltemp, refghu ftit kmieni u telaq bil-mod lura d-dar. Qal li hu kien riekeb l-karozza misjuqa mill-imputat presenti fl-awla. Qal li huma u nezlin ra dawl qawwi ta' Subaru jew Maruti f'ghajnejh. Qal li gharaf il-karozza peress li missieru ghandu vann Maruti bhalu. Qal li dak l-hin ma jafx x'gara ghax intilef minn sensih. Qal li mhux hu kien qed isuq. Qal li d-dawl rah fuq l-istess triq fl-istess karreggjata. Ix-xhud insista li d-dawl rah fuq n-naha tat-triq taghhom ghalkemm t-triq li kienu rekbin fuqha kienet *one way*.

Mistoqsi b'liema speed kienu ghaddejjin, x-xhud m'gharafx iwiegeb ghax ma ftakarx. Qal pero li kien hemm xi hadd fil-karozza li beda jghid lis-sewwieq biex isuq daqsxejn bil-mod, pero min qal dan l-kliem ma kienx jaf. Qal li dan d-diskors intqal minn xi hadd li kien riekeb fuq wara. Qal li wara kien hemm riekba Matthew Magro, Marco Abdilla, David Sacco, Christian Camilleri u Oswaldo Vella. Qal li dan il-kliem semghu darba biss. Qal li lis-sewwieq ma qallu xejn dak l-hin ghax dehrlu li kellu jnaqqas hu.

Mistoqsi kemm qabel l-incident sar dan d-diskors, x-xhud ma kienx jaf. Qal li minn fejn kienu telqu sa fejn sehh l-incident hemm distanza kbira pero d-diskors sar fil-bidu tal-vjagg. Qal li Robert Ellul kien x-xufier tal-vettura l-ohra u dan kien telaq fl-istess hin maghhom.

Ix-xhud ikkonferma x-xhieda li kien ta quddiem l-perit legali Dottor Richard Sladden dakinhar tal-inkjesta, liema xhieda tinsab a fol 62 et seq tal-atti. Qal li hu kawza ta’ dan l-incident sofra xi griehi u ppresenta certifikat mediku rilaxxjat mill-isptar San Luqa li gie mmarkat bhala dokument Z [fol 181]. Qal li l-isptar dam xi sitt gimghat u li kien ghadu jiehu terapija sa dakinhar. Mistoqsi jekk d-dawl kienx fl-istess karraggja jew l-ohra x-xhud wiegeb li ghat-tielet darba jahseb li kien fuq l-istess karreggjata.

Illi nhar l-erbatax ta’ Dicembru 2005 **xehed Maurizio Baldacchino** [fol 182] fejn qal li huwa minnu dak li gie suggerit lilu mill-ufficjal prosekutur li missieru ghandu villa bl-isem Olive Gardens u li fit-tletin ta’ Settembru 2005 ghamlu *barbeque* hemmhekk. Ftakar li meta kienu qed jorganizzaw dan il-*barbeque*, kellu habib tieghu Anthony Aquilina li talbu sabiex igib xi hbieb tieghu mill-Qrendi u hu qallu li ma kienetx problema li jigu. Qal li hu effettivament kien organizza l-*barbeque* u fil-fatt kien hemm grupp ta’ ghaxra miz-Zurrieq u sitta mill-Qrendi. Qal li ghal habta tas-sitta ta’ filghaxija kien cempillu tal-*minibus* u qallu li ma kien hemm hadd z-Zurrieq u hu cempel lil dawn l-ghaxra li qalulu li ma kienux ser imorru. Qal li hu ghalhekk talbu imur ghaz-zaghzagh li kienu l-Qrendi pero dan irrifjuta li jmur ghalihom. Zied jghid li regghu cemplulu ghaliex il-minibus ma kienx mar ghalihom u fl-ahhar iddecida li jibghat zewg persuni b’zewg vetturi ghalihom. Qal li wiehed minnhom kien l-imputat li gharaf presenti fl-awla u l-iehor kien certu Alex Marmara. Qal li jekk mhux sejjer zball Alex Marmara ghabba erbgha minnhom u l-imputat ghabba l-ohrajn.

Qal li wara l-*barbeque* fejn kienu xi tletin ruh u huma zarmaw kollox. Qal li kulhadd beda jitlaq bil-karozza tieghu u kien baqa huma biss. Spjega li kien hemm l-vann tax-xoghol taghhom, fejn ghabbew s-*sound system*

fih, l-imputat u habib iehor taghhom kellhom ukoll karozza. Qal li Buttigieg ghabba erbgha minn nies fil-karozza tieghu. Qal li ma kienx hemm fejn jitghabbew tal-vann taghhom u kellhom jitilghu fil-kaxxa tal-vann. Qal li hu qalilhom le ghaliex beza' li jekk jarawhom l-pulizija jwaqqfuhom w ghalhekk iddecidew li jinzlu ma l-imputat u telghu fil-vann tieghu.

Spjega li huma ghaddew minn naha ta' fuq l-Imdina u huma ghaddew minn triq ohra. Spjega li kif waslu fit-triq ta' Haz Zebbug raw xi karozzi weqfin u haseb li kien hemm xi *road block*. Ittawwal mit-tieqa u ra hajt imwaqqa w induna li kien hemm habta w aktar ma dahal 'l gewwa induna li kien hemm shabu. Qal li Anthony Aquilina biss jista jitkellem x'kien gara.

Staqsa x'kien gara u qallu li <u>ra dawl qawwi gej minn naha opposta minn karozza bajda. Ix-xhud qal li hu fl-ebda hin ma ra karozza gejja mid-direzzjoni opposta fl-istess karreggjata tat-triq taghhom. Qal li meta waslu huma fuq il-post kien hemm diga karozzi weqfin. Qal li fl-ebda hin li hu kien fit-triq ma giet karozza minn direzzjoni opposta fuq l-istess karreggjata biex tghaddi minn ma gembhom</u>. Qal li hu mas-sewwieq kien ftiehem li kellu jgibhom u jerga jigi ghalihom. Qal li ma kienx *vale la pena* li ghal sitta minn nies tikri *private* w ghalhekk ma kerhiex wahda.

Illi nhar l-ewwel ta' Frar 2006 **xehed s-Scene of the Crime Officer PS 1184 Patrick Grech** [fol 163] fejn ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala dokument FSL, [fol 165].

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 2006 **xehed Doctor Stephen Muscat** [fol 220] fejn qal li hu kien ezamina lil Anthony Aquilina detentur tal-karta tal-identita numru 352588M nhar l-ewwel ta' Ottubru 2005 ghal habta tas-saghtejn neqsin ghoxrin ta' filghodu. Qal li dan kien qed jilmenta minn ugiegh f'ghonqu u li kellu tbengila fuq sidru risultat ta' *seat belt* kif wkoll brix f'idejh x-xellugija. Irrizulta li kellu tlett irkiekel tas-sinsla t'ghonqu w effettivament inzamm l-isptar. Ix-xhud ikkonferma l-*patient certification form* bhala dik li giet rilaxxjata minnu w ikkonferma l-

kontenut taghha.  Hu kklassifka dawn il-griehi bhala ta' natura gravi per durata.
Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Marzu 2006 **xehed Marlon Aquilina** [fol 223] fejn qal li nhar l-ewwel ta' Ottubru 2005, hu kien attenda ghal *barbeque* f'The Olive Gardens, r-Rabat, pero ma kienx hu li organizzah, kien certu Maurizio Baldacchino li organizzah.  Qal li mieghu fil-karozza kien hemm Christian Camilleri u l-karozza kienet qed tigi misjuqa mill-imputat presenti fl-awla.  Qal li waslu fuq il-post ghal habta ta' bejn t-tmienja w nofs w d-disgha ta' filghaxija w ghamlu hemm sal-hdax jew il-hdax u nofs.

Qal li telaq lura d-dar go vann ma Maurizio Baldacchino u kien riekeb fuq wara.  Spjega li qabel telqu, sakkru x-xatba tal-fond Oliver Gardens, u qabdu t-triq lejn d-dar. Qal li kif waslu fi Triq Imdina, nnutaw li kien hemm *panic*, kien hemm xi sitt karozzi w allura haseb li kien hemm xi *roadblock* jew x'incident u Maurizio qal li kien ahjar li jduru lura pero xi hadd issugerixxa li jinzlu ghaliex kien hemm l-possibilita li setgha kien xi hadd li kien ghadu kemm kien maghhom u meta effettivament nizlu mill-karoza, raw *rebus* t'incident.  Ftakar li dakinhar tal-incident filghodu, kienet cemplet omm David Sacco tistaqsih x'kienu ser jghamlu u hu qalilha li kienu sejrin *barbeque* f'The Olive Gardens, r-Rabat.  Qal li hu ma hax hsieb ta' transport ghal din l-attivita.

Illi nhar s-sitta ta' Ottubru 2006 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 249] fejn ikkonferma li fit-tletin ta' Settembru 2005 kellu *barbeque* ma shabu f'The Olive Gardens, r-Rabat u hu mar hemm ghal habta tas-sitta ta' filghaxija.  Qal li kien mar r-Rabat isuq il-karozza wahdu.  Spjega li ghal habta tal-hdax ta' bil-lejl zarmaw l-*barbeque* w z-zaghzagh l-ohra ma kellhomx biex jitilghu lura d-dar u kien hemm wiehed li mar fuqu u staqsih jekk setghax iwassalhom.  Qal li hu qallu li ma kellux problema jwassalhom jekk xtaqu jinzlu mieghu u accettaw li jirkbu mieghu.  Ix-xhud zied jghid li l-vann kien qed isuqu hu u kienu xi tmienja minn nies fih.  Qal li l-vann kien tal-marka Vauxhall Astra blu *commercial*.  Qal li hu minnu dak li qed tghidlu l-Qorti li skond r-*road licence*, suppost zewg minn nies biss jirkbu f'dan il-vann.

Spjega li huma qabdu t-triq mir-Rabat lejn z-Zurrieq u kif waslu Haz Zebbug, qabez speci ta' kisra u kien hemm karozza fuq n-naha ta' barra li qabizha minn naha ta' gewwa tax-xellug taghha u ftit wara li qabizha, ra speci ta' dawl gej mid-direzzjoni opposta minn quddiemu. Qal li minn hemm 'l quddiem ma jiftakar xejn aktar.

Mistoqsi mill-Qorti xi *speed* kien ghaddej bih, ix-xhud m'gharafx iwiegeb. Mistoqsi x'tip ta' karozza qabez, ix-xhud wiegeb li ma jiftakarx. Mistoqsi minn fejn ra d-dawl, ix-xhud wiegeb li rah gej minn quddiemu mhux fuq il-karreggjata tieghu pero fuq ix-xellug tieghu. Qal li d-dawl kien gej minn sqaq fuq x-xellug tieghu. Mistoqsi x'kien d-dawl, x-xhud wiegeb li jahseb li kien ta' karozza. Mistoqsi jekk jiftakarx li laqat karozza hu u jaqbizha x-xhud wiegeb li ma jiftakarx li habat ma karozza. Reggha qal li hu ma jiftakarax b'liema *speed* kien ghaddej.

Qal li bil-mod ma kienx ghaddej, kien ghaddej "daqsxejn high". Mistoqsi jekk jiftakarax li qal li kien ghaddej daqsxejn *high* u laqat karozza u l-karozza tieghu nqatghet minn mal-art, x-xhud wiegeb li ma jiftakarx. Qal li ma jiftakarx meta habat u li hu intilef minn sensih. Qal li ma gembu quddiem kien hemm Anthony Aquilina. Qal li ma jafx kif kienu rekbin l-ohrajn, pero kienu rekbin wara. Qal li ma jafx li xi hadd qallu biex isuq bil-mod, ma semgha lil hadd jghid hekk. Zied jghid li ma jafx li xi hadd gibidlu l-attenzjoni li kien qed isuqu hafna. Qal li lil passiggieri li kellu mieghu tellaghhom biex jghamlilhom pjacir.

Ix-xhud ikkonferma x-xhieda li kien ta quddiem l-perit legali Dottor Richard Sladden li tinsab inserita fl-atti tal-process a fol 57 tal-atti.

Illi nhar s-sitta ta' Novembru 2006 **xehed Joe Cassar in difesa** [fol 262] fejn qal li hu jahdem bhala *claims handler* mal-Elmo Insurance u li ilu f'din l-kariga ghaxar snin u nofs. Qal li qabel ghamel hamsa w ghoxrin sena fil-Korp tal-Pulizija, hdax il-sena minnhom bhala espert forensiku.
Spjega li l-vettura tal-ghamla Vauxhall Astra bin-numru ta' registrazzjoni DAC 967 kienet inxjurjata f'isem Antoine Cassar mal-Elmo Insurance. Qal li kien hu li ha l-*claim*

fuq dan il-kaz. Spjega li fost in-negozjati li kien ghamel fil-*claim* in kwistjoni, kien tkellem max-xufier tal-karozza bin-numru ta' registrazzjoni CAG 545, certu Sean Briffa, li hu l-gharus ta' sid l-istess vettura, pero dakinhar tal-incident kien qed isuqha hu stess. Qal li hu kien mar ikellmu bil-vettura involuta fl-incident biex jara jekk setghax johodlu xi ritratti u fil-fatt hekk ghamel, gibed tnax il-ritratt li fihom tidher l-hsara fuq n-naha tax-xellug taghha li fil-fehma tieghu jindikaw li l-impatt sar minn quddiem ghal wara.

Ix-xhud esibxxa tnax il-ritratt li gew immarkati bhala document J 1 sa J 12 rispettivament. Qal li Sean Briffa qallu li dawk kienu l-hsarat li ssubixxa fl-incident in kwistjoni. Qal li aktar minn din l-informazzjoni Sean Briffa ma tahx ghaliex ma kienx jiftakar. Zied jghid li gimghat wara gie mitlub mill-*claims manager* sabiex jerga jara l-vettura in kwistjoni ta' Sean Briffa u jistaqsih jekk effettivament kienx sewwiha u dan qallu li ma kienx ghadu sewwiha. Qal li ghamlu appuntament u Sean Briffa kien mar u ra l-hsarat in kwistjoni li kienu l-istess hsarat murija fir-ritratti esibiti. Ix-xhud esibixxa DVD ta' dawn il-hsarat li giet mmarkata bhala dokument J 13. Qal li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAG 545 ghandha hsarat fis-sens ta' zbrixxatura minn vettura ta' kulur blu u hemm wkoll marki ta' *rubber* iswed fuqha.

**Konsiderazzjonijiet ta' dritt:**

Illi l-imputat, skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali qed jigi akkuzat li kiser s-segwenti disposizzjonijiet:

1. Omicidju nvoluntarju skond l-artikolu 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:

"*Kull minn b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel meta jinstab hati, l-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn erba' snin jew multa mhux izjed minn hamest elef lira.*"

2. Hsara voluntarja skond l-artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:

"*Kull minn b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkaguna l-hruq, jew ghamel xi hsara jew ihassar jew jgharraq xi haga, kif imsemmi f'dan s-sub-titolu, jehel, meta jinstab hati:-*

*a. jekk minhabba f'hekk tigi l-mewt ta' persuna, il-piena stabbilita fl-artikolu 225* [f'dan il-kaz hamest imwiet];
*b. jekk minhabba f'hekk xi hadd ibati offiza gravi fuq il-persuna, li tkun iggib l-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa mhux izjed minn elf lira;*
*c. jekk minhabba f'hekk xi hadd ibati offiza gravi minghajr l-konsegwenzi hawn fuq imsemmija, il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tlett xhur jew multa mhux izjed minn hames mitt lira;*
*d. f'kull kaz iehor, il-piena ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tlett xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravenzjonijiet.*

*Izda fil-kazijiet imsemmijin fil-paragerafu [d], hlief meta l-hsara tkun kagunata fi proprjeta pubblika, jistghu jittiehdu procedimenti biss bil-kwerela tal-parti offiza.*"

X'hinu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mill-ligi u senjatament mill-artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, r-regolamenti tat-traffiku.

Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990***, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura

tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, it-trepod tal-kolpa gie definit bhala :

*1. la volontarieta dell'atto;*
*2 la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*
*3 la possibilita di prevedere.*

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Mejju, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Mifsud,** il-Qorti enuncjat t-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta'sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

**"Sewqan traskurat** (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx l-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif wkoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.

**Sewqan bla kont** [*reckless driving*] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandhux jiehu minhabba l-probabilita ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.

**Sewqan perikoluz** [*dangerous driving*] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista jaqa taht tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw d-disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, l-legislatura pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa.

Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz."
(***vide Il-Pulizija v Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju, 1950***). "

Illi wara li l-Qorti ghamlet sintezi qasira dwar l-posizzjoni legali, thoss li ghandha tirrileva l-fatti li taw lok ghal proceduri odjerni, u dawn jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi nhar l-ewwel ta' Ottubru 2005, ghal habta tan-nofs siegha ta' filghodu, l-imputat ghabba sitt ihbieb tieghu mill-lokalita Olive Gardens, r-Rabat sabiex iwassalhom d-dar l-Qrendi u dan fil-vettura tieghu li hija *commercial* tal-ghamla Vauxhall bin-numru ta' registrazzjoni DAC 967.

2. Illi l-imputat kien qed isuq bi *speed* eccessiv u wara li qabez vettura tal-ghamla Subaru u laqatha minn naha ta' gewwa l-vettura tieghu bdiet tperper w isserreq u f'hin minnhom spiccat go kamrin tal-gebel li hemm fi Triq Notabile, Zebbug. Il-vettura saret dahna, daret, spiccat imfarrka kollha filwaqt li hames zaghzagh tilfu hajjithom u iehor wegga' gravi.

3. Illi l-pulizija waslu fuq il-post ftit wara li gew infurmati b'din d-disgrazzja w infethet inkjesta magisterjali.

4. Illi 'n segwitu, l-imputat tressaq il-Qorti nhar l-erbgha ta' Ottubru 2005 biex iwiegeb ghal akkuzi dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi l-versjoni tal-imputat ta kif sehh l-incident hija s-segwenti:

a. Illi fit-tletin ta' Settembru 2005, huwa kellu *barbeque* ma shabu fil-post maghruf bhala The Olive Gardens r-Rabat u mar hemm wahdu ghal habta

tas-sitta ta' filghaxija u ghal habta tal-hdax ta' bil-lejl, hu, flimkien ma shabu, zarmaw l-*barbeque* w uhud minn shabhom ma kellhomx biex imorru lura d-dar.

b. Huwa ghalhekk offra li jwassalhom u huma xtaqu li jirkbu mieghu. Qal li fil-vann li hu licenzjat biex igorr zewg passiggieri, kienu tmienja.

c. Spjega li huwa qabad t-triq mir-Rabat lejn z-Zurrieq u kif waslu Haz Zebbug, qabez speci ta' kisra u kien hemm karozza fuq n-naha ta' barra u qabizha minn gewwa, u ftit wara ra dawl gej mid-direzzjoni opposta f'wiccu habat go kamra tal-gebel fuq ix-xellug tat-triq.

d. Minn hemm 'l quddiem ma jiftakar xejn aktar.

e. Mistoqsi mill-Qorti b'liema *speed* kien ghaddej, l-imputat ma kienx f'posizzjoni li jwiegeb, ghalkemm stqarr li kellu *speed* 'daqsxejn *high*'.

f. Mistoqsi x'karozza qabez, l-imputat wkoll ma kienx f'posizzjnoi li jwiegeb.

g. Mistoqsi minn fejn kien gej d-dawl li allegatament hu qal li ra, l-imputat wiegeb li kien gej minn quddiemu.

h. Mistoqsi jekk habatx mal-vettura li effettivament qabez, l-imputat stqarr li ma jiftakarx.

i. Mistoqsi ghaliex ma naqqasx l-i*speed* meta xi hadd mill-passiggieri attirawlu l-attenzjoni biex jaghmel hekk, l-imputat wiegeb li ma semgha lil hadd jghidlu biex inaqqas l-i*speed*.

j. Finalment jghid wkoll li huwa rikkeb lil shabu biex jghamlilhom pjacir.

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward l-lokalita fejn sehh l-incident in dezamina, kif del resto gie deskritt mill-Perit Richard Aquilina nominat mill-Magistrat Inkwerenti fl-inkjesta u konfermat aktar tard mill-Qorti fil-presenza tal-istess imputat, jigi sottolineat is-segwenti:

1. L-incident sehh fit-triq li hemm bejn dik li minn H'Attard taghti ghar-Rabat w ghal Haz Zebbug;

2. Illi din t-triq ghandha zewg karreggjati fuq kull naha tac-*central strip* u l-incident sehh fil-karraggjata li taghti lejn Haz Zebbug, ftit wara liwja li tinsab bejn medda twila dritta u ohra li hija dritta wkoll.

3. It-triq ghadha kemm saret gdida, ghandha wicc tajjeb asfaltat, kienet imdawwla u kienet xotta.

4. Illi fuq n-naha tax-xellug tat-triq fil-karreggjata li kien riekeb fiha l-imputat, kien hemm kamrin tal-gebel li spicca mwaqqa f'parti minnu.

5. Fuq ix-xellug hemm wkoll trejqa li taghti ghal H'Attard.

6. Fil-post tal-impatt ma kienx hemm kurva izda hemm kurva hafifa hafna qabel u kurva ohra wara.

Illi gie rilevat mix-xhieda li xhedu, li fil-hin tal-incident ma kien hemm ebda traffiku iehor li setgha fixkel lil imputat. La kien hemm karozzi quddiem fl-istess karreggjata u lanqas karozzi gejjin mid-direzzjoni opposta.

Illi l-imputat habat wahdu, minghajr ebda tort ta' terza persuna jew perikolu kawzat mill-ambjent naturali.

Illi l-imputat jghid li kellu kontroll tal-vettura waqt li kien qed isuq u tilef l-kontroll ghaliex ra dawl gej mid-direzzjoni opposta, ghalkemm meta waqt l-access, gie mistoqsi mill-Qorti, jekk dan d-dawl telfux, l-imputat wiegeb fin-negattiv.

Issa, kif gie ritenut mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar t-tnax ta' Frar 2004***, fl-ismijiet **Il-Pulizija v Stephen Grima** fejn saret wkoll referenza ghal zewg sentenzi ohra decizi mill-istess Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v James Abela** ***deciza nhar l-hdax ta' Lulju 2002*** u **Il-Pulizija v Claudio Camilleri** ***deciza nhar l-hmistax ta' Novembru 1996***, fejn intqal:

*"Il-fatti – inkluzi l-provi ndizzjarji [circumstantial evidence] jistghu jkunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti… dawk li fid-dottrina Ingliza jissejjhu presumptions of fact. These are all inferences which maybe drawn by the tribunal of fact."*

Illi din il-Qorti ghamlet dawn il-*presumptions of fact,* li johorgu mid-dinamika tal-incident. Huwa risaput li meta vettura tkun qed tinsaq f'kurva jew liwja lejn x-xellug, il-forza centrifuga tispingiha lejn l-lemin tangenzjalment 'l barra mid-direzzjoni li tkun qed issegwi u vice versa. Din il-forza centrifuga tinhass minn kull sewwieq f'liwja meta jhoss l-karozza tigbidlu 'l barra kontra d-direzzjoni li hu ikun qed idur jew jikser fiha. Din il-forza tikber in proporzjon mal-*momentum* tal-vettura. Wiehed mill-komponenti tal-*momentum* hija l-velocita. Di fatti, aktar ma wiehed isuq b'velocita gholja, aktar ser tikber il-forza centrifuga u aktar w aktar irid ikun l-isforz li jaghmel s-sewwieq fuq l-i*steering* biex izomm il-vettura *on course*.

F'din l-*equation* jidhol wkoll l-fatti tar-*road holding capability* li kull vettura ndividwali, kif wkoll l-kondizzjoni tas-superficju tat-triq. Naturalment, altru triq xotta u lixxa, altru triq imharbta jew imxarrba jew tizloq.

Illi mill-provi prodotti, ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, l-imputat kien qed isuq b'velocita qawwija, idur lejn x-xellug biex jissorpassa vettura Subaru u bl-i*speed* li kien ghaddej bih laqatha waqt li kien qed idur, m'indunax izda tilef il-kontroll, beda jserrep u dahal f'kamrin tal-gebel, dar, ra d-dawl tal-istess Subaru li kien laqat u bezaq z-zaghzagh minn gol-karozza tieghu.

L-imputat, li kien qed jaqbez karozza mill-*inner lane*, liema manuvra ma messu qatt ghamel, imbaghad f'kurva u bi *speed* illecitu, kkontribwixxa sabiex l-imputat spicca *out of control*, tenut kont tar-*road holding capability* tal-vettura li kien qed isuq, vettura li suppost trikkeb zewg minn nies u hu fiha kellu tmienja.

Issa, bil-mod li l-vettura tal-imputat harget barra mill-kontroll tieghu, hu ovvju li l-imputat m'gharafx li jiehu l-prekawzjoni kollha rikjesta mill-fatti ambjentali u mill-ammont ta' nies li kellu rekbin mieghu. Illi fil-fehma tal-Qorti, il-grad tas-sewqan tieghu jirrizulta li kien jaqa taht l-grad aktar gravi ta' sewqan perikoluz, u dan ghaliex hemm aktar minn semplici vjolazzjoni tan-normi regolamentari, izda l-minaccja ikkonvertiet ruhha f'konsegwenzi dizastruzi. Il-ligi, in termini ta' sewqan perikoluz, tikkuntenta ruhha bil-perikolu potenzjali u ma tridx il-perikolu tradott fir-realta, ghaliex f'dan il-kaz kien hemm r-realta.

Effettivament, din il-Qorti, minghajr tlaqliq ta' xejn, thoss li dan huwa kaz fejn il-provi jitkellmu wahedhom, specjalment wara li l-imptuat ghazel li jixhed u jaghti l-versjoni tal-fatti kif infatti gew korroborati mix-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni.

Jekk wiehed semplicement ihares lejn r-ritratti esibiti, lejn il-pjanta ppreparata mill-Perit Richard Aquilina u lejn r-relazzjoni tal-espert tekniku Joseph Zammit, liema provi jinsabu formanti parti mill-process, u jkollu daqsxejn ta' idea tal-lokalita fejn sehh l-incident, ma jistax hlief jasal ghal konkluzzjoni wahda, u cioe li l-imputat kien ghaddej bi *speed* eccessiv kemm ghal dak li huwa regolamenti kif ukoll ghal dawk li huma topografija tal-post fejn sehh l-incident. Forsi dan huwa frott t'inesperjenza fis-sewqan li kellu dak z-zmien l-imputat biex din il-Qorti ma tidholx f'kongetturi ohra, pero hu x'hinu, ma jistax ikun hemm dubbju li l-kawza tal-incident kollu kien l-i*speed* sfrenat li bilfors l-imputat kien isuq bih.

Huwa sintomatiku wkoll f'dan is-sens, li meta xehed l-imputat u gie mistoqsi kemm kellu *speed*, huwa ghazel li

jghid li ma jiftakarx, izda jghid biss li kien ‘daqsxejn high’. Ghalhekk, kieku verament l-imputat ma kellux *speed* eccessiv, fin-nuqqas ta’ malgenerazzjoni da parti tal-vettura, [li f‘dak l-kaz, ma jirrizultax li kien hemm], certament ma kienx jigri l-incident u anke li kieku b’xi mod jew iehor, ghal ragunijiet mhux attribwibbli ghal perikolozita da parti tal-imputat, tilef l-kontrol tal-vettura, l-impatt ma kienx ikun vjolenti kif effettivament kien. Il-vjolenza tal-impatt, l-*marks* imhollija mill-karozza, it-tifrik tal-vettura, it-twaqqigh tal-bini, n-numru ta’ kadavri u l-konsegwenzi fl-assjem taghhom, kollha jindikaw li l-incident kollu kien attribwibbli ghal *speed* esagerat w inkonsult li kien qed isuq bih l-imputat u xejn aktar.

Ir-rizultat x’hinu? Ir-rizultat huwa li hames zaghzagh f’eta tenera tilfu hajjithom, persuna ohra garrbet griehi serji u l-imputat ser jghix il-kumplament ta’ hajtu bil-memorji xejn sbieh tal-ispovalderija tieghu.

Il-Qorti dahlet *in funditus* dwar din il-kwistjoni ta’ *speed* proprju minhabba dak li gie ribadit fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali moghtija nhar d-disgha ta’ Gunju 1962*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anthony Portelli** fejn intqal li:

*“Mhux bizzejjed pero li jinghad li l-imputat kien qieghed isuq bi speed qawwi bizzejjed … imma jinhtieg li wiehed jara jekk bejn dak l-ispeed w is-sinistru kienx hemm n-nexus ta’ kawza prossima w immedjata.” [vide **Il-Pulziija v Manuel Schembri per Onor. Imh. W. Harding datata tmienja w ghoxrin ta’ Novembru 1949**].*

Illi din il-Qorti, wara li ezaminat fid-dettal, l-kumpless kollu tal-provi kompilati, hi sodisfatta mill-ezistenza ta’ din il-konnessjoni ta’ kawzalita bl-aktar mod dirett stante li l-imputat kellu jsuq b’mod diligenti specjalment meta mieghu kellu l-hajja ta’ diversi nies ohra.

Illi donnu li d-difiza ssollevat li hija tal-fehma li l-incident sehh biss bhala rizultat t’*inevitable accident* kawzat mid-dawl li allegatament ghen lil imputat biex jitlef il-kontroll tal-karozza li kien qed isuq. Illi huwa llum ormai assodat l-

principju li "*It is well settled that no one can set up the plea of sudden emergency if his own negligence gives rise to the emergency.*" [***Trial of Motor Car Accident Cases*** – **Gibb -** pg. 52].

Illi s-suespost kien wkoll proceduralment approfondit fil-gursprudenza lokali mill-***Qorti tal-Appell Civili fil-hmistax ta' Mejju, 1926 per Onor. Imh. Luigi Camilleri*** fis-sentenza fl-ismijiet **Ciantar v Gatt** fejn gie citat l-**Chirani** li qal:

*"L'efficacia del caso fortuito e della forza maggiore, o dello stato di necessita', quali mezzi liberatori delle responsabilita, cessano quando questi avvenimenti siano preceduti da dolo o colpa dell'agente… Il fatto illecito si conobbe allora al comportamento giuridicamente anormale, ne sara valevole l'eccezzione liberatoria* <u>*perche*</u>*' inutilizza dal dolo o dalle colpe precedente…."*

Issa, kif gia gie rilevat fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Philip Agius *deciza per Imh. Flores nhar t-tmienja ta' Mejju 1969;***

*"Hu ovvju li r-reat ta' sewqan perikoluz u b'manjiera bla kont, kif ukoll dak ta' sewqan b'velocita qawwija huma fatturi u elementi tar-reat gravi t'omicidju nvoluntarju pervist fl-artikolu 239, [illum 225] tal-Kodici Kriminali."*

Illi kif gie wkoll ritenut mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Mejju 1993*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Jason Abela**, d-disposizzjoni tal-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, fil-latitudini tal-kontemplata hu konsonu ma principji rikonoxxuti in materia w ghalhekk konformament ma l-ahjar gurisprudenza tat-Tribunal Lokali ghandha ssir is-segwenti distinzjoni bejn

a. Kaz fejn il-*criminal misconduct* jikkonsisti per ezempju f'velocita deliberatament w ezageratament eccessiva jew f'sewqan b'manjiera periokoluza – bhal min jaghmel uzu minn *brakes* li huma difettuzi, u cioe fejn ikun hemm "*a selfish disregard for the safety of the road users or their passengers or who have*

*driven recklessly.”****[Principles of Sentencing – D.A. Thomas – Second Edition pg. 87]; u***

b. Kaz li minn isuq b’mod traskurat jew li jikkommetti biss *error of judgment*, nonostante l-fatt li kieku kellu l-hila mehtiega kien jista jevita d-disgrazzja, bhal meta wiehed ma jikkalkolax tajjeb c-cirkostanzi ta’ sorpass.

Illi ghar-rassenja ampja f’dan r-rigward issir referenza wkoll ghas-segwenti decizjonijiet mill-**Qorti tal-Appell Kriminali per l-Imhallef William Harding** fl-ismijiet **Il-Pulizija v AIC Lewis Borg *deciza nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Gunju 1947***; Il-**Pulizija v Toni Meilaq *deciza nhar l-ghoxrin ta’ Settembru 1948*** u **Il-Pulizija v Corporal Raymond Thomas Moore *deciza nhar l-hmistax ta’ Dicembru 1956.***

Illi ghalhekk ai fini ta’ piena huwa wkoll l-oneru tal-Qorti, f’kazijiet simili, li tirrifletti fuq l-grad ta’ negligenza riskontrata fl-agir li l-imputat, stante li jista jaghti l-kaz li din, ghad li tkun ta’ natura kriminuza, pero ma tilhaqx dak l-grad li timmerita piena restrittiva tal-liberta personali, u dan kif gie ritenut mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha ta’ April 1951*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Formosa** u fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Philip Agius gia citata**.

In fatti, kif gie affermat fil-kawza fl-ismijiet **Rex v Rose** – ***1938 – 20 Crim. App. R. 166***;

*“No offence varies so much in gravity as manslaughter. One must look at the circumstances in each particular case and see whether it is an offence which calls for severe or mitigated punishment.”*

Illi ghalhekk, huwa pacifiku li meta, bl-agir tieghu, imputat jassumi deliberatament atteggjament li hu perikoluz ghal inkolumita mhux biss tieghu nnifsu, imma anke tan-nies li jkollu mieghu u t’utenti ohra tat-triq allura.

*"Sentences of imprisonment are generally considered apparopriate in cases of causing death by dangerous driving whther there is an element of deliberate risk taking on the parti of the offender." [Criminal Law Review – March 1968 – pg 171]*

Illi del resto, kif jghid l-**Finnis** f'***Natural Law and Natural Rights*** pagna 86:

"<u>Il-hajja hija wara kollox *a first basic value, corresponding to the driver for self preservation*</u>' liema valur jigi arbitrarjament imcahhad lis-sinistrat b'dan l-uzu skonsiderat tal-vettura.

Illi s-suespost qed jinghad meta <u>hawn si tratta ta' uzu traskurat, perikoluz u bla kont ta' vettura mekanizzata li f'cirkostanzi simili ghal dawk li rrizultaw mil-fatti kif esposti f'din il-procedura m'hi xejn hlief *a weapon of offence*, fejn f'ambiti akkademici u legislattivi l-aktar aggornati diga qed tinstema' l-ghajta li:</u>

*"<u>We should therefore expect all drivers who kill by deliberately driving at others to be prosecuted for MURDER</u>, and expect manslaughter convictions to be returned only on those who make out the defences of provocation or diminished responsibility, or who can put forward some convincing explanation … to explain why they did not appreciate the enormous risk to life and limb in what they did." [**Motor Vehicles as Weapons of Offence** – **J.R. Spencer**; **The Criminal Law Review** – 1985 – p.30]*

Illi f'dan l-isfond ghandu jinghad ukoll, kif del resto gia gie abbilment espost fl-artikolu citat fil-paragrafu precedenti li:

*"<u>The … motor vehicle as a weapon of offence is often treated with remarkable lenity."</u> [ibid. p. 33].*

Ikkunsidrat:

Illi tali atteggjament tant jidher li huwa wiehed radikat anke fis-sistema legali taghna, li t-tribunali lokali kellhom diversi

okkazzjonijiet fejn ilmentaw minn din l-attitudini meta rritenew li:

a. "… il-pieni li kienu qed jinghataw f'hafna kazijiet t'omicidju nvoluntarju kienu <u>irreali</u> u jaghtu wiehed x'jahseb li l-hajja ta' bniedem f'pajjizna, hija rhisa w ir-reat in kwistjoni mhux xi haga serja." [**Il-Pulizija v Mark Galea** – ***Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Carmel A. Agius datata hmistax ta' Ottubru 1987***].

b. "Il-piena preskritta mill-ligi ghar-reat in kwistjoni hija l-prigunerija li ma teccedix l-erbgha snin jew il-multa. Din il-Qorti jidhrilha li n-nuqqas ta' prekawzjoni ovvja ghal perikolu daqstant ovvju, jindika l-piena ta' prigunerija u mhux ta' multa." [**Il-Pulizija v Joseph Busuttil et** – ***Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Victor Caruana Colombo datata sitta w ghoxrin ta' Novembru 1992***].

c. "Fuq incidenti bhal dawn din il-Qorti kif preseduta gia kellha opportunita tesprimi ruhha precedentement [vide **Il-Pulizija v Giovanni Conte** ***deciza nhar t-tnejn ta' Marzu 2000***] fejn uriet l-preokkupazzjoni taghha li paragunati ma sentenzi f'kazijiet simili li jinghataw f'pajjizi civilizzati ohra, s-sentenzi ta' dawn il-Qrati huma pjuttost miti." [**Il-Pulizija v Gordon Micallef** – ***Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Carmel A. Agius datata hdax ta' Jannar 1994***].

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi f'dan il-kuntest, huwa ghaqli analizi tas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell Ingliza** fl-ismijiet **R v Boswell** [1984] 6 Cr. App R (s) 257, komposta minn ***Lord Lane CJ. Michael Davies*** u ***Kennedy JJ. datat dsatax ta' Gunju 1984*** "***The All England Law Reports***", 1984, Vol. 3, pp. 353 – 361, fejn gie ritenut, meta l-ligi Ngliza kienet ghadha simili ghal dik Maltija, li:

*"Causing death by reckless driving … is a serious offence: to be guilty the defendant must have created an obvious*

*and serious risk of injury to the person or damage to property and have either given no thought to the possibility of that risk when it would have bee obvious to any ordinary person or having seen the risk nevertheless decided to take it.*

*“The offence is* *<u>aggravated</u>* *if, for example:*

*1. The motorist’s driving was affected by the consumption of alcohol or drugs;*
*2. He was driving at a grossly excessive speed;*
*3. He disregarded warnings from his passengers;*
*4. He pursued or prolonged, persistent and deliberate course of very bad driving [for example by driving through red traffic lights, passing other vehicles on the wrong side or driving on the pavement];*
*5. He simultaneously committed another offence [for example driving without a driving licence or while disqualified];*
*6. He has previous convictions for motoring offences [especially those involving bad driving or the excessive consumpation of alcohol];*
*7. More than one person was killed as a result of his reckless driving;*
*8. He failed to stop at the time of the incident or tried to throw the victim off his car; or*
*9. He committed the offence in the course of attempting to evade detection or apprehension;*

*“Mitigating factors include:*

*1. The piece of reckless driving which might be described in the vernacular as a ‘one off’, a momentary reckless error of judgment [such as briefly dozing off at the wheel or failing to notice a pedestrian on a crossing];*
*2. A good driving record;*
*3. Good character;*
*4. A plea of guilty;*

*5. A show of genuine remorse or shock; and*
6. *Wwere the victim is a close friend or relative of the driver, the strong emotional effect of his death on the driver."*

Illi in oltre, fl-istess decizjoni **Lord Lane** korrettement isostni li minkejja dan l-analizi li trid taghmel l-Qorti, din ghandha wkoll l-oneru:

*"To reflect the concern of Parliament and also, which is sometimes forgotten, to reflect the concern of the public about these matters."*

Fil-fatt anke f'Malta, il-piena ghal akkuza ta' reat t'omicidju nvoluntarju zdiet minn massimu ta' sentejn prigunerija ghal massimu ta' erbgha snin u dan b'Att III tas-sena 2002, w ghalhekk l-intenzjoni tal-legislatur hu li bniedem ghandu jigi punit bis-sewwa f'kaz li hu jikkawza omicidju nvoluntarju b'mod grossolan.

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jigi sottolineat ukoll li l-ebda wiehed mill-elenki fuq citati ma hu esklussiv u konsegwentement jistghu liberament jizdiedu fatturi ohra li l-Qrati jistghu jiltaqghu mahhom minn zmien ghal zmien skond c-cirkostanzi.

Ikkunsidrat wkoll:

Illi a bazi tal-elenki stabbiliti f'**Boswell** fuq citati b'mod ezawrjenti, [vide wkoll ***Emmins on Sentencing*** – **Martin Wasik**; pp. 303 – 306] u mill-fatti kif esposti aktar qabel, jirrizultaw s-segwenti:

**A. Fattur Aggravat**

1. L-imputat kien qed isuq bi *speed* eccessiv;
2. L-imputat ghabba sebgha zaghzagh f'vettura li hija licenzjata biex ikollha biss tnejn minn nies;
3. L-imputat ma tax kaz dak li qallu passiggier u cioe sabiex inaqqas l-i*speed* tieghu;

4. It-telf ta’ hajja ta’ hames zaghzagh u feriti gravi fuq s-sitt zaghzugh;
5. Il-hsara kbira li saret fl-istruttura li kien hemm mibnija fit-tarf tat-triq;
6. Il-hsara materjali li saret fil-vettura tal-ghamla Subaru misjuqa minn Sean Briffa.

**B. Fattur Mitiganti**

1. L-imputat jidher li hu ta’ karattru tajjeb mill-mod kif gab ruhu fl-ordnijiet ta’ din il-Qorti u li ghandu fedina penali nadifa.

Illi d-difiza sostniet li f’kaz ta’ htija, l-piena massima permessa mill-ligi hija dik ta’ tnax il-sena peress li hemm diversi mwiet. Illi d-difiza ghamlet referenza ghal certi sentenzi, bhal dik ta’ **Repubblika ta’ Malta v Charles Steven Muscat** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlettax ta’ Mejju 1998*** w **Ir-Repubblika ta’ Malta v Joseph Schembri** ***deciza nhar t-tlieta ta’ April 1990***, fejn kien hemm aktar minn vittma wahda, pero il-piena li nghatat kienet dejjem wahda, irrispettivament minn numru tal-vittmi li kien hemm.
Din il-Qorti pero ma taqbel xejn ma dak li gie rilevat mid-difiza f’dan ir-rigward u dan ghaliex nonostante li kien hemm aktar minn vittma wahda, r-reat huwa wiehed w ghalhekk semmai, il-Qorti ghandha tapplika l-massimu tal-piena, izda mhux taghti diversi pieni. Illi l-artikolu 370(2) m’ghandux jigi nterpretat kif sostniet d-difiza.

Illi ghaldaqstant, in vista tal-fatti u tal-motivi fuq esposti, din il-Qorti hi sodisfatta li l-prosekuzzjoni ippruvat l-kaz taghha skond l-ligi u konsegwentement tiddikjara li ssib lil imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat wkoll l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 18, 20, 30, 225, 328, u 533, tal-Kap 9, l-Artikolu 18 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali 128/1994 u l-artikolu 17(b), ai fini tal-konkors ta’ pieni u ta’ reati wkoll tal-Kodici Kriminali.

Rat li skond l-artikolu 17(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, persuna hatja ta’ zewg delitti jew izjed, illi taqa taht pieni li jitnaqqsu ghal zmien il-liberta personali tieghu tigi kkundannata ghal piena ta’ delitt l-aktar gravi biz-zieda minn terz sa nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehuda flimkien, b’dan li z-zmien li jinghata, ma jiskorrix hamsa w tletin sena.

Illi, f’dan il-kaz, r-reat li ghandu l-akbar piena huwa dak t’omicidju voluntarju li jgib mieghu massimu ta’ erbgha snin habs. Oltre dan, l-imputat huwa akkuzat talli kkaguna ferita gravi fuq Anthony Aquilina, skond x-xhieda ta’ Doctor Stephen Muscat, u tali reat igib piena massima ta’ prigunerija ta’ tlett xhur skond l-artikolu 328(c), oltre hsara nvoluntarja skond l-artikolu 328(d) li jgib piena massima ta’ tlett xhur ohra.

Illi ghalhekk, skond l-artikolu 17(b) din il-Qorti trid izzid mal-erbgha snin t’omicidju nvoluntarju, terz jew nofs mill-piena li tista tigi moghtija skond l-artikoli 328(c) u 328(d) w ghalhekk ta’ sitt xhur.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti ghalhekk il-piena massima applikabbli ghal kaz, hija dik bejn erbgha snin u xahrejn sa erbgha snin u tlett xhur.

Din il-Qorti diga espremiet ruhha f’diversi sentenzi taghha li l-hajja umana f’certi cirkostanzi, giet konsidrata bhala irhisa zzejjed. Mhux qed tghid pero li f’kull kaz, fejn hemm mewt involuntarju bhala rizultat t’incident tat-traffiku ghandu tassattivament ikun hemm piena ta’ prigunerija ghaliex kull kaz ivarja minn iehor, w altru negligenza ta’ certu tip u altru sewqan perikoluz u spavald. Kull kaz ghandu verament jigi trattat fuq il-mertu li jisthoqlu pero il-mertu li jkun m’ghandux ikun hemm gustifikazzjoni ghal kazijiet fejn ikun hemm – tirrizulta dik l-ispavalderija u nuqqas ta’ responsabbilita estrema fis-sewqan. Kulhadd ghandu jkun konxju li vettura, ghalkemm hija primarjament mezz ghal uzu ta’ hajja ahjar tac-cittadin, hija wkoll tista tkun arma fatali f’idejn persuni li ma humiex responsabbli bizzejjed biex jadoperawha.

Illi fil-fehma tal-Qorti dan kien kaz li setgha jigi evitat u sehh minhabba l-ispavalderija tal-imputat w ghalhekk thoss lil piena karceraja hija l-piena idoneja.

Il-Qorti wara li tiddikjara li qed **ssib lil imputat ANTOINE CASSAR hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu, u wara li rat l-artikoli tal-ligi kif moghtija mill-Avukat Generali fir-rinviju tieghu, <u>tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tlett [3] snin.</u>**

**<u>Oltre dan, ai termini tal-artikolu 30(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna s-sospenzjoni tal-licenza tas-sewqan tieghu ghal perjodu ta' hames [5] snin mill-lum.</u>**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe Doctor Mario Scerri [fol 51], Dottor Richard Sladden [fol 81], Perit Richard Aquilina [fol 97], Joseph Zammit [fol 103 u 280], Doctor Brigette Ellul [fol 129], PS 1184 Patrick Grech [fol 165] u dan fl-ammont globali ta' elf tlett mija tnejn w erbghin [1342] lira u hamsa w sebghin [75] centezmu u dan fi zmien sitt [6] xhur mill-lum.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------